MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-8 ta' April, 2014

Numru. 32/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Joseph Portelli**

Kaz Numru: 32/2014

Illum 8 ta' April, 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Joseph Portelli,** ta' hamsa u hamsin (55) sena, iben Anthony u Mary neé Vella, imwieled Rabat, Ghawdex, fil-31 ta' Mejju 1958, u residenti ta' 25,

Triq ta′ Bebunaq, Sannat, Ghawdex, detentur tal-Karta tal-Identita` bin-Numru 27758(G), akkuzat talli fid-29 ta′ Ottubru, 2013 ghall-habta tas-sitta neqsin kwart ta′ filghodu ( 5.45a.m.) fl-inhawi maghrufa ta′ Wara is-Sur, limiti tar-Rabat, Ghawdex u jew fil-vicinanzi:

1. ha jew ipprova jiehu xi ghasfur li huwa protett taht ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi (A.L. 79 tal-2006), mhux skont dawn ir-regolamenti u mhux skont il-kundizzjonijiet ta′ kull licenza moghtija tahthom bi ksur ta′ Regolament 4(1)(a) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;
2. zamm xi ghasfur, kemm haj kemm mejjet, jew parti minn xi ghasfur, li l-kacca jew it-tehid tieghu huma projbiti taht ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi (A.L. 79 tal-2006) kontra id-disposizzjonijiet ta′ dawn ir-Regolamenti meta dak l-ghasfur ma kienx gie dikjarat u registrat mal-Awtorità kompetenti sal-31 ta′ Mejju, 2003 u meta ma kienx inghata il-permessi, jew certifikati mill-Awtorità kompetenti sabiex izomm dak l-ghasfur u dan bi ksur ta′ Regolament 4(1)(e) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat;

3. zamm xi ghasfur, kemm haj kemm mejjet, jew parti minn xi ghasfur mhux imsemmi fl-Iskeda II jew l-Iskeda III, meta dak l-ghasfur ma kienx ittiehed fi Stat Membru iehor fejn ikun jista′ jittiehed jew jinqabad legalment taht id-disposizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi kif ukoll taht il-ligijiet ta′ dak l-Istat Membru l-iehor u dan bi ksur ta′ Regolament 4(1)(f) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat;

4. ha jew ipprova jiehu xi ghasfur billi uza x-xbieki bi ksur ta′ Regolament 7(1)(e) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat;

5. ha jew ipprova jiehu xi ghasfur billi uza lixki ta' ghasafar protetti bi ksur ta' Regolament 7(1)(i) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat;

6. zamm apparat li l-uzu tieghu huwa pprojbit taht is-subregolament (1) ta' Regolament 7 tal-Avviz Legali 79 tal-2006, u cioé xbieki u lixki ta' ghasafar protetti, bi ksur ta' Regolament 7(2) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat;

7. naqas milli josserva l-kontenut tal-licenza, jew naqas milli jikkonforma ma' xi wahda mill-kondizzjonijiet tal-licenza ghall-insib fil-harifa, u cioé billi nasab jew ipprova jonsob ghal xi speci ta' ghasafar li m'humiex malvizz jew pluviera (bi ksur ta' kondizzjoni numru 9) u dan bi ksur ta' Regolament 8 tal-Avviz Legali 303 tal-2012;

8. akkuzat ukoll talli sar recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) datata 29 ta' Jannar 2013 (Magistrat Dr. Neville Camilleri LL.D.) liema sentenza hi definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba illi barra li taghti l-piena taht ir-regolament 27 tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* u s-sospensjoni ta' kull licenza jew permess mahruga taht ir-regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, ghall-perjodu applikabbli taht l-Avviz Leagali 79 tal-2006 hekk kif emendat.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet, fis-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u semghetu jikkonferma tali ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat, b'mod partikolari t-tmien (8) imputazzjoni, u l-ammissjoni bikrija tieghu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Regolamenti 4(1)(a), 4(1)(e), 4(1)(f), 7(1)(e), 7(1)(i) u 7(2) tal-Legislazzjoni Sussidarja 504.71 tal-Ligijiet ta' Malta, Regolament 8 tal-Avviz Legali 303 tal-2012 u Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Joseph Portelli hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah multa komplessiva ta' elf u hames mitt euro (€ 1500.00).

Il-Qorti tordna wkoll is-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess (kemm tal-kacca u nsib) mahrug fil-konfront tal-imputat taht ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija u dana ghal zmien sentejn millum.

Finalment, il-Qorti tordna l-konfiska tal-ghasafar li jinsabu ndikati f'Dok. "GH 1".

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------